21 ta' Lulju, 1949.

**Imħallef :**

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

**Il-Maestà Tiegħu r-Re**

*versus*

**Censu Callus**

## Verdett — Nullità — Serq — Riċettazzjoni — Art. 498 (1) u 461 (6) tal-Kodiċi Kriminali.

*L-eċċezzjoni tan-nullità tal-verdett tal-ġurati fuq l-allegat motiv li l-ġurati sabu lill-imputat ħati ta' delitt li ma hux involut fl-att ta' l-akkuża fis-sens tal-liġi, hija ta' kompetenza tal-Qorti kif tkun komposta ma' tul it-trattazzjoni tal-kawża; u għalhekk, jekk il-Qorti ma' tul it-trattazzjoni tal-kawża tkun komposta minn Imħallef wieħed, għandha tiddeċidi hija dik l-eċċezzjoni, u mhux il-każ li tiddeferixxi dik l-eċċezzjoni lill-Qorti komposta minn tliet Imħallfin*

*Id-delitt ta' riċettazzjoni huwa involut f'dak ta' serq; u għalkemm ir-riċettazzjoni hija reat per sè, mhix forma ta' kompliċità, imma ancillari għas-serq, frodi, eċċ.*

Il-ġurati bi tmien voti kontra wieħed jiddikjaraw lill-akkużat mhux ħati tad-delitt miġjub kontra tiegħu fl-att ta' l-akkuża, imma ħati tad-delitt ta' riċettazzjoni ta' oġġetti li jiswew aktar minn £10 imma anqas minn £100, billi kien jinsab xjentement fil-pussess ta' dawn l-oġġetti.

---

Dr. Joseph Salomone Reynaud, LL.D., għall-akkużat, eċċepixxa n-nullità tal-verdett hawn fuq imsemmi, billi sabu lill-istess akkużat ħati ta' reat li mhux involut fl-att ta' l-akkuża fis-sens tal-liġi;

*Omissis;*

Il-Qorti;

Rat n-nota ta' l-akkużat;

Rat in-nota ta' l-Attorney General;

Tordna li l-eċċezzjoni fuq imsemmija tiġi riferita quddiem dina l-Qorti komposta minn tliet Imħallfin, biex tiġi trattata u deċiża minnhom fis-seduta tal-21 ta' Lulju 1949, fil-5 p.m.

---